## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 158/2018: **MARVIN CUTAJAR (K.I. NRU. 439873M) V. RONALD ABELA (K.I. NRU. 479265M) U** B'DIGRIET TAS-26 TA' APRIL 2021 ĠIE KKJAMAT IN KAWŻA **IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI**

(RIMEDJU GHALL-IMPJEGAT META IL-PRINĊIPAL JONQOS MILL-OBBLIGI TIEGHU GHALL-HLAS TAL-KONTRIBUZZJONIJIET TAL-EWWEL KLASSI TAHT IL-KAP. 318 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Marvin Cutajar (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2018[1] li jaqra kif ġej:

> **« 1. Illi l-esponenti għall-perijodu li jmur mis-sena 2009 sas-sena 2014 huwa kien impjegat full-time bħala electrician mal-konvenut Ronald Abela, detentur tal-karta tal-identita' 0479265 M;**
>
> **2. Illi l-esponent wettaq l-impjieg tiegħu rettament lejn il-konvenut għal dak l-istess perijodu;**
>
> **3. Illi l-konvenut kellu l-obbligu li jara li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali u tat-taxxa tad-dħul tal-esponenti jiġu mħallsa minnu kif meħtieġ skond il-liġi u dwar dan huwa kellu u ghandu jagħti rendikont lill-esponenti;**
>
> **4. Illi l-esponenti interpella għal diversi drabi lill-konvenut sabiex jottempra mal-obbliġi tieghu, u senjatament biex jghaddilu d-dokumentazzjoni kollha skond il-liġi biex iservi**

[1] Fol 1-5

bħala prova ċerta u netta li l-konvenut ħallas l-imsemmija kontribuzzjonijiet fiskali kif minnu dovut skond il-liġi, inkluż permezz ta' ricevuti tal-ħlasijiet lill-entitajiet governattivi kompetenti;

5. Illi l-esponent hekk interpella lill-konvenut ukoll permezz ta' protest ġudizzjarju 249/2017 ppreżentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, izda filwaqt li dan gie debitament notifikat kif mitlub mil-liġi, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma ta ebda' risposta;

6. Illi wara dan kollu l-esponent għadda biex iqabbad professjonist sabiex jagħmel kalkolu tal-kontribuzzjonijiet li kellhom jitħallsu mil-konvenut fir-rispett tal-esponent;

7. Illi kif jirriżulta skond l-istess kalkolu u kif ghandu jirriżulta aħjar tul it-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut żamm f' idejh introjtu ġenerat mill-esponent permezz tal-impjieg tiegħu u li l-konvenut kien obbligat jgħaddi lill-awtoritajiet fiskali kompetenti, xi ħaga li l-konvenut naqas li jagħmel u dan kif ghandu jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

8. Illi skond l-istess kalkolu l-konvenut kien obbligat jgħaddi l-ammonti ta' hamest elef, erba' mija u wieħed ewro u ħamsin centezmu (€ 5,401.50) bħala taxxa tad-dħul u tmient elef u seba' mija u ewro (€ 8,701.00) bħala kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għall-perijodu relevanti;

9. Illi in vista ta' dak migjub hawn fuq, ukoll fl-isem u fl-interess tal-esponent, il-konvenut kien obbligat jagħti lil lill-awtoritajiet fiskali l-ammont totali ta' erbatax-il elf, mija u tnejn ewro u ħamsin centezmu (€14,102.50);

10. Illi għal kull buon fini jinghad ukoll li t-total imsemmi ma jinkludiex il-kontribuzzjonijiet ghas-sigurta' soċjali dovuti mill-konvenut direttament lill-awtoritajiet fiskali kompetenti u dan fir-rigward tal-esponent, izda tinkludi biss dik il-parti dovuta mill-konvenut li skond il-liġi kellha tingħadda mill-konvenut wara li ttiehed mill-introjtu ġenerat mill-esponent;

11. Illi kif ghandu jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża l-konvenut kien inadempjenti u ghadu sal-lum inadempjenti lejn l-esponent u l-awtoritajiet fiskali;

12. Illi għal kull buon fini tal-kompetenza ratione valoris jiġi dikjarat li l-ammont totali dovut ma jeċċediex l-ammont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000), salvi l-interessi;

13. Illi minhabba dan kollu kellha ssir il-kawża sabiex il-konvenut iħallas dak li l-ammont li l-konvenut żamm illegalment, liema hlas ghandu jsir lil esponenti jew lill-awtoritajiet fiskali izda dejjem fl-interess tal-esponent, dejjem kif ghandu jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed umilment jitlob li ghar-raġunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna. Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

**1. Tiddikjara li l-konvenut żamm l-ammonti li kellhom jingħaddu minnu bħala kontribuzzjonijiet fiskali b' mod illegittimu;**

**2. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jħallas skond il-liġi l-kontribuzzjonijiet fiskali li ġew meħuda minnu mill-introjtu tal-esponent, li jammontaw għal total ta' erbatax-il elf, mija u tnejn ewro u ħamsin centezmu (€14,102.50), salvi l-interessi;**

**3. Tordna u tikkundanna lil konvenut iħallas l-ammonti kif mitluba, salvi l-interessi;**

**4. Tordna u tikkundanna lil konvenut iħallas l-imsemmija ammonti, lill-esponent u, jew lill-awtoritajiet fiskali kompetenti, fi zmien qasir u perentorju;**

**Bl-interessi skont il-liġi u b' riserva għal kwalunkwe azzjoni jew rimedju iehor a dispożizzjoni tal-istess rikorrent, inklużi dawk ghad-danni kkagunati u, jew għall-ispejjez legali.**

**Bl-ispejjez inkluż dawn tal-protest ġudizzjarju 249/2017 imsemmi aktar 'il fuq, kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa inġunt ghas-subizzjoni. »**

wara li rat ir-risposta ta' Ronald Abela (imsejjaħ "l-intimat") ippreżentata fit-18 ta' Ottubru 2018[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

**« 1. Illi fl-ewwel lok u dan sabiex il-ġudizzju ikun iktar integru u fl-aħjar ammistrazzjoni tal-ġustizzja l-attur kellu jinkludi wkoll fil-kawża odjerna lil Inland Revenue Department u dan peress li l-konvenut ghadu ma ħallas ebda' ammont dovut lill-istess Dipartiment u tali ammonti huma dovuti lid-Dipartiment;**

**2. Illi tant hu hekk u b' hekk jiġi rilevat li t-talba tal-attur hija infondata kemm fattwalment kif ukoll legalment illi saħansitra d-Dipartiment diga' avviċina lill-konvenut sabiex isiru l-pagamenti dovuti u l-konvenut diga' aċċetta illi jħallas dak l-ammont hekk kif stabilit mid-Dipartiment. Illi għalhekk din il-kawża hija frivola u vessatorja stante li jekk tintlaqa' t-talba tal-attur il-konvenut ikun qiegħed iħallas l-ammont dovut doppjament;**

**3. Illi inoltre l-ammont hekk mitlub huwa wieħed eċċessiv u ma jirriflettix il-paga lilu mogħtija tul il-perijodu tant illi hu kien qiegħed impjegat tal-konvut. Illi s-somma hekk dovuta qed tinħadem mid-Dipartiment;**

**4. Illi finalment fuq l-ammonti mhemmx interessi dovuti u għalhekk l-attur mhuwiex korrett meta qiegħed jitlob l-interessi ukoll;**

[2] Fol 14-16

**5. Illi għalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jiġu michuda in toto;**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jiġu permessi skont il-liġi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.** »

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat id-digriet tagħha tas-26 ta' April 2021 li permezz tiegħu *inter alia* filwaqt li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, ordnat li jiġi kjamat in kawża il-Kummissarju tat-Taxxi[3],

wara li rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi ("il-Kummissarju kjamat in kawża" jew "il-kjamat in kawża") ppreżentata fis-27 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

« **1. Illi preliminarjament l-attur Marvic Cutajar ghandu l-ewwel u qabel kollox jipprova li ghandu interess guridiku sabiex jipproponi l-kawza odjerna, specifikament fejn jirrigwarda l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba;**

**2. Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti mhix kompetenti ratione valoris ghal dak li jirrigwarda t-talbiet tal-attur Marvin Cutajar li kellhom jinkorporaw, ghal fini ta' gudizzju iktar integru u intier, l-ammont principali ta' €22,803.50. Tali ammont jikkonsisti, fi kliem l-attur stess, f'€5,401.50 bhala taxxa fuq id-dhul f'€8,701.00 bhala kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali imhallsa minnu qua impjegat, kif ukoll, in-nofs l-iehor rapprezentanti kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali fl-ammont ta' €8,701.00 dovuta minn min jimpjega, oltre taxxa u kontribuzzjonijiet addizzjanali, u ghalhekk, tali kwistjoni taqa' taht il-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili:**

**3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu jirrizulta illi:-**

[3] Fol 60-62

a. Ronald Abela bhala detentur tal-Employer Number (PE No) 516743 issottometta l-annessi FS3s ghas-snin 2011, 2012, 2013, 2014 u 2015, li jinsabu hawn immarkati bhala Dok. A, B, C, D u E, fejn iddikjara li huwa naqqas ammont ta' kontribuzzjoni ta' sigurta' socjali mil-paga tal-attur Marvin Cutajar, liema ammont, jirrizulta mill-imsemmija FS3s. Ghall-kuntrarju ta' dak li qed jghid l-attur, minn l-istess FS3s, hawn annessi, ma jirrizultax li tnaqqset taxxa fuq id-dhul inkwantu gie dikjarat li huwa ma qalax bizzejjed dhul b'tali mod li jkun intaxxat, u ghalhekk kien jaqa' fit-tax free bracket;

b. Ili minn informazzjoni li ghandu l-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi, ma jirrizultax li Marvin Cutajar kien impjegat ta' Ronald Abela matul l-2009 u 2010;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat bir-rispett li fir-rigward tas-snin 2009 u 2010, huma !-partijiet li jridu jaqblu bejniethom, bhala stat ta' fatt, jekk kienx hemm relazzjani ta' impjieg bejniethom o meno, u fin-nuqqas ta' dan, l-Onorabbli Qorti ghandha tistabbilixxi x'kienet ir-relazzjoni ta' impjieg bejnietham sabiex jkun jista' jigi determinat jekk il-konvenut Ronald Abela ghandux jaghmel/jaggusta d-dikjarazzjonijiet ghal dawk is-snin ghall-fini tar-Regoli tal-F.S.S. tax u Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Socjali fir-rigward ta' l-impjegat tieghu, hawn l-attur;

5. Illi mill-banda l-ofra, ghas-snin l-ohra in kwistjoni, u allura fir-rigward ta' l-FS3s annessi, huwa l-attur li ghandu jikkonferma o meno jekk dawn humiex l-ammonti effettivament percepiti minnu u fuq liema ammonti tnaqqset jew kellha titnaqqas it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali. Jigi rilevat bir-rispett li kemm il-darba l-attur Marvin Cutajar, bhala impjegat ta' Ronald Abela, jaqbel mal-FS3s annessi l-attur ma jibqalux interess puridiku sabiex jitlob li jithallsu lura lilu -ammonti li jirrizultaw imnaqqsa mid-dhul tieghu skont l-istess FS3s. Dan inkwantu a tenur tal-artikolu 23(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Taxxa (Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta) kull tnaqqis mill-paga tal-impjegati, inkluz taxxa addizzjonali / interessi rizultanti jigu dovuti minn min ihaddem (employer) u l-hlas ta' dak imnaqqas ma jibqax responsabilta tal-impjegat skont il-ligi, izda sta ghall-Kummissarju tat-Taxxi li jigbor l-ammont imnaqqas;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi ma ghandux

**ibati l-ispejjez ta' din il-procedura inkluz dawk relatati mal-ittra ufficcjali numru 247/2017, li giet ipprezentata mill-attur fir-rigward tal-konvenut Ronald Abela.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenut li huma minn issa ngunti in subizzjoni. »**

wara li rat li permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Frar 2022[4] il-Kummissarju kjamat in kawża rtira l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu,

wara li rat l-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom tar-rikorrent mill-Avukat Dr. Edric Micallef Figallo,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. F'din il-kawża r-rikorrent qed jallega li fil-perjodu li huwa kien jaħdem mal-intimat, ċioe bejn 2009 u 2014, dan tal-aħħar naqas milli jgħaddi lill-Kummissarju tat-Taxxi r-rimessa dovuta skond il-liġi lill-Kummissarju tat-Taxxi konsistenti fit-taxxa fuq id-dħul mnaqqsa (jew li kellha titnaqqas) mis-salarju tar-rikorrenti u fil-Kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi (sigurtà soċjali) pagabbli lill-istess Kummissarju għan-nom tar-rikorrent bħala impjegat tiegħu. B'hekk huwa qed jitlob li din il-Qorti *inter alia* tikkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont, likwidat minnu fis-somma totali ta' erbatax-il elf, mija u tnejn ewro u ħamsin ċenteżmu (€14,102.50), lilu "*jew lill-awtoritajiet fiskali kompetenti*".

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-liġijiet fiskali</u>**

**Ħlas tal-bolla taħt l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318)**

2. Skond il-Kap. 318, għal kull persuna li tkun impjegata f'impieg assigurabbli, għandhom jitħallsu tlett kontribuzzjonijiet fil-ġimgħa (magħrufha bħala kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi), waħda mill-persuna impjegata, waħda mill-prinċipal tagħha u waħda mill-Fond Konsolidat.[5] Il-prinċipal għandu ikun dovut iħallas kemm il-kontribuzzjoni dovuta minnu kif ukoll, f'isem u b'esklużjoni tal-persuna mpjegata, il-kontribuzzjoni dovuta minn dik il-persuna. Għall-finijiet tal-

[4] Fol 85
[5] Kap. 318, Art. 7(1)

istess Att, il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-prinċipal f'isem l-impjegat jitqiesu li jkunu kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegat innifsu.[6]

3. L-istess Att jipprovi ukoll illi l-ammonti imħallsa mill-prinċipal f'isem l-impjegat għandhom, minkejja kull kuntratt jew ftehim għall-kuntrarju jew minkejja xi liġi oħra, jinġabru permezz ta' tnaqqis mill-paga tal-impjegat.[7]

4. X'jiġri jekk il-prinċipal ma' jħallasx il-kontribuzzjonijiet tal-Ewwel Klassi li jkunu dovuti minnu? F'dan il-kas skond l-Art. 8(5) tal-Kap. 318:

> **«... fejn xi prinċipal ikun naqas jew ittraskura li jħallas xi kontribuzzjoni tal-Ewwel Klassi li dovut li jħallas taħt dan l-Att,hekk kif jgħaddu l-għaxart ijiem imsemmija fl-artikolu 116(2), u jekk il-prinċipal konċernat jibqa' jonqos jew jittraskura li jħallas xi kontribuzzjonijiet kurrenti dovuti taħt dan l-Att, id-Direttur jista', b'avviż mogħti lill-prinċipal u lil kull persuna mpjegata ma' dak il-prinċipal, jordna illi l-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu minn dik il-persuna mpjegata ma għandhomx, minn dik id-data li tista' tiġi indikata fl-avviż, jinżammu u jitħallsu mill-prinċipal u li mill-istess data dawk il-kontribuzzjonijiet dovuti wara dik id-data għandhom jitħallsu direttament minn dik il-persuna mpjegata lid-Direttur b'dak il-mod u f'dawk iż-żminijiet li d-Direttur jiddeċiedi »**

5. Inoltre skond l-Art. 126 tal-istess Att:

> **« Meta ssir talba għal benefiċċju, pensjoni jew allowance minn persuna mpjegata taħt dan l-Att, sabiex jiġi stabbilit jekk din kellhiex impieg assigurabbli matul xi żmien qabel it-talba tagħha,kull kontribuzzjoni dovuta iżda mhux imħallsa dwarha, taħt l-artikolu 7, għandha titqies mid-Direttur li din tkun tħallset jekk ikun sodisfatt li dan in-nuqqas ta' ħlas ma kienx dovut minħabba ħtija tal-persuna impjegata konċernata, jew għax dik il-persuna tkun ħalliet dak in-nuqqas isir; iżda għall-finijiet l-oħra kollha, dawk il-kontribuzzjonijiet jitqiesu bħala mhux imħallsa... »**

6. Għal kull bwon fini, id-"Direttur" taħt il-Kap. 318 jirreferi għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn jirrigwarda il-ġbir tal-kontribuzzjonijiet u l-infurzar.

**Ħlas tat-taxxa taħt ir-Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS)**

---

[6] Kap. 318, Art. 8(1)
[7] Kap. 318, Art. 8(3)

7. Taħt ir-Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS), Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14, kull pagatur (ossia' il-prinċipal) għandu jnaqqas it-taxxa minn kull ħlas ta' emolumenti magħmul lil payee (ossia' l-impjegat) billi japplika wieħed mill-metodi ta' tnaqqis ta' taxxa regolati taħt il-liġi fosthom dak magħruf bħala l-*FSS Main Tax Deduction Method.* [8]

8. Il-pagatur huwa obbligat sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli. Din ir-rimessa għandha tintbagħat flimkien mat-tagħrif meħtieġ fuq formola (magħrufha bħala FS5) li tkun iffirmata mill-pagatur.[9]

9. X'jiġri jekk il-prinċipal ma' jagħmilx ir-rimessa meħtieġa jew ma' jħallasx dak kollu li suppost għandu jħallas? F'dak il-każ:

> **« ... il-Kummissarju għandu jiddeċiedi skond l-aħjar fehma tiegħu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jitħallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviż ta' nuqqas ta' tħaris skond ir-regola 24 li bih jitolbu jħallas, b'żieda ma' kull taxxa addizzjonali imposta bl-istess avviż, l-ammont jew id-differenza, skond il-każ, f'dak iż-żmien li jiġi hekk indikat f'dak l-avviż. »**[10]

10. Il-prinċipal huwa ukoll obbligat li jagħti informazzjoni lill-impjegat li turi fost oħrajn l-ammont *gross* tal-paga u l-ammont ta' taxxa dovut u li jkun tnaqqas. [11]

11. Inoltre, f'kull każ meta l-impjegat jissuspetta li l-prinċipal mhux qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fir-rigward tat-tnaqqis mit-taxxa, huwa jista' jressaq il-kwistjoni bil-miktub quddiem il-Kummissarju li, kemm jista' jkun malajr, għandu jiddeċiedi u possibilment jordna li tittieħed azzjoni. [12]

**Il-posizzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u tal-intimat**

---

[8] Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS) L.S. 372.14, Art. 6(1)
[9] Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS) L.S. 372.14, Art. 15(1), (2)
[10] Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS) L.S. 372.14, Art. 15(3)
[11] Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS) L.S. 372.14, Art. 19

[12] Regoli dwar il-Final Settlement System (FSS) L.S. 372.14, Art. 13(1)

12. Il-posizzjoni tal-Kummissarju kjamat in kawża, li naturalment għandu interess dirett fl-eżitu ta' din il-kawża, hija illi:

    1. Għas-snin 2009-2010 l-informazzjoni li għandu hija li r-rikorrent ma' kienx impjegat tal-intimat;

    2. Għas-snin 2011-2015 mill-FS3s sottomessi mill-intimat jidher illi l-istess intimat iddikjara illi r-rikorrent ma' kienx qala biżżejjed dħul biex b'hekk kien jaqa' fit-*tax free bracket* u għalhekk ma' tnaqqsitlux taxxa mid-dħul tiegħu. L-intimat iddikjara ukoll fl-istess FS3s illi għall-finijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali huwa naqqas mis-salarju tar-rikorrent l-ammonti indikati fl-FS3s.

13. L-intimat fir-risposta tiegħu jammetti li huwa ma ħallasx dak li huwa dovut minnu (mingħajr ma' jispeċifika kemm filfatt huwa dovut minnu) pero' jikkontendi li kwalunkwe ammont dovut huwa dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mhux lir-rikorrent personalment. Sussidjarjament l-intimat qed jikkontesta l-*quantum* u t-talba tar-rikorrent għall-imgħax fuq is-somma mitluba.

**Provi**

14. Mill-atti jirriżulta li tabilħaqq ir-rikorrent kien impjegat fuq bażi *full-time* mal-intimat għal perjodu ta' bejn l-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (01.01.2009) u l-erbgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (04.01.2015). Dan jirriżulta kemm mill-affidavit tar-rikorrent u kemm mid-dokument tal-*employment history* ppreżentat mir-rappreżentant ta' JobsPlus.[13]

15. Fl-affidavit tiegħu r-rikorrent xehed li huwa kien jitħallas mitt Lira Maltin (Lm 100) **netti** fi flus kontanti.[14] Għalkemm m'huwiex ċar fuq dan il-punt, minn dak li sussegwentement xehed Antoine Borg (*accountant* mqabbad mir-rikorrent) jirriżulta illi dan l-ammont kien il-paga li kien jitħallas kull ġimgħa.

16. Ir-rikorrent jispjega li matul il-perijodu tal-impjieg tiegħu mal-intimat huwa kien jissuspetta li kien hemm xi irregolaritajiet mill-lat fiskali:

---

[13] Ara xhieda ta' Joseph Saliba, rappreżentant ta' JobsPlus a fol. 39B u dokument JS 1 a fol. 42,
[14] Fol. 18

> *«... ngħid li waqt li kont ghadni fl-impjieg ma Ronald Abela, jiena beda' jkolli suspetti li mal-awtoritajiet tat-taxxi ma kellix kollox kif suppost, għax bdejt nissuspetta li Ronald Abela, kif kont nemmen li kien obbligat jagħmel bħala l-bniedem li jimpjegani, ma kienx qiegħed jeħodli ħsieb l-affarijiet tiegħi sew kif kellu jagħmel. Dawn is-suspetti qamu l-ewwel għax jien ma bdejt nircievi assolutament xejn mingħand l-awtoritajiet tat-taxxi, la rcevuti, la talbiet għal ħlas, assolutament xejn. Jiena rajtha suspettuza, għax jiena dan ma kienx l-ewwel impjieg tieghi, u dejjem kont naf li kont nirċievi xi ħaga mingħand l-awtoritajiet tat-taxxi.»* [15]

17. Skond ir-rikorrent, waqt li kien għadu impjegat mal-intimat huwa kien jistaqsih dwar dan iżda dejjem baqa' bla risposta. Fis-sena 2015 ir-rikorrent biddel l-impjieg tiegħu u meta r-rikorrent baqa' jfakkru dwar il-biċċa, l-intimat beda jevitah u l-kwistjoni baqgħet pendenti. Ir-rikorrent jispjega kif kien avviċina lill-awtoritajiet tat-taxxa li kienu ikkonfermawlu li ma kienx jidher li kienu saru pagamenti min-naħa tal-intimat.[16] Fit-3 ta' Awwissu 2017 ir-rikorrent ppreżenta protest ġudizzjarju kontra l-intimat[17] u sussegwentement peress li ma kien hemm ebda żvilupp, ppreżenta kwerela indirizzata lid-Direttur Responsabbli għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali datata 30 ta' Jannar 2018[18] sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-intimat.

18. Fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2019 **<u>Dr Shawn Apap Meli</u>** in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali xehed li ma jirriżultax li qatt tħallsu xi kontribuzzjonijiet għan-nom tar-rikorrent mill-intimat bejn is-sena 2008 u 2014[19]. Dan l-istat ta' fatt baqa' l-istess tul dawn il-proċeduri. Infatti fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2020 meta xehed **<u>Saviour Theuma</u>** għan-nom tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dan pprezenta dokument datat 15 ta' Ottubru 2020[20] li jikkonferma li ***"The Social Security Department records show that during the period 2009 to 2014, no social security contributions were paid on behalf of Mr. Marvin Cutajar ID 439873 M"*** Dan ix-xhud jispjega li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali m'huwiex f'posizzjoni li jikkwantika l-ammont ta' bolla li trid titħallas peress li din hija mahduma skond il-paga tal-impjegat.

---

[15] Fol. 18
[16] Fol. 19
[17] Fol. 25-26 Dok. B anness mal-affidavit tar-rikorrent
[18] Fol. 27-28 Dok. C anness mal-affidavit tar-rikorrent
[19] ara dokument MC 1 u MC 2 li jinstabu a fol. 40 u 41 tal-process.
[20] Fol. 52, Dokument ppreżentat min Saviour Thuema fis-seduta tal-19 ta' Ottubru 2020

19. Dwar il-*quantum* ta' taxxi dovuti, xehed **Antoine Borg,** *certified public accountant* li kien ingaġġat mir-rikorrent[21] sabiex jikkwantifika *inter alia* l-bolol u t-taxxa li kellhom jinqatgħu u jitħallsu mill-intimat. Skond il-kalkoli tiegħu t-taxxa tad-dħul li **tnaqqset u kellha titħallas** u l-kontribuzzjonijiet tal-bolla li **tnaqqsu u kellhom jitħallsu** mill-intimati fir-rigward tar-rikorrent għall-perjodu tal-1 ta' Jannar 2009 sal-4 ta' Jannar 2015 kienu jammontaw għat-total ta' € 22,803.50.[22] Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi din il-kawża titratta biss is-somma ta' € 14,102.50 ossia':

    1. L-ammont ta' € 5,401.50 f'taxxa mnaqqsa u li kellha titħallas mill-intimat lill-Kummissarju, u

    2. L-ammont ta' € 8,701 f'bolla mnaqqsa u li kellha titħallas mill-intimat f'isem ir-rikorrent lill-Kummissarju

    Fi kliem ieħor ir-rikorrent ma' nkludiex fil-kawża tiegħu l-ammont l-ieħor ta' € 8,701 li kienet dovuta separatament mill-intimat lill-Kummissarju bħala bolla.

20. Fil-21 ta' Frar 2022 xehed **Emanuel Mangion** għall-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' affidavit.[23] Dan esebixxa l-FS3s sottomessi mill-intimat fir-rigward ta' kemm ħallas paga lir-rikorrent għall-perjodu 2011-2015[24]. Minn dawn l-FS3s ma' jirriżultax illi l-intimat naqqas taxxa fuq id-dħul peress li ddikjara li r-rikorrent ma' qalax biżżejjed paga b'tali mod li jkun intaxxat u għalhekk kien jaqa' fit-*tax fee bracket*. Fir-rigward tas-snin 2009-2010 id-Dipartiment m'għandux informazzjoni dwar jekk ir-rikorrent kienx impjegat tal-intimat.

21. L-intimat minkejja li ngħata opportunita' li jagħmel dan qatt ma xehed f' dawn il-proċeduri. Kull m'għamel kien li fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019 ppreżenta kopja ta' ftehim iffirmat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dakinhar stess li juri ammont ta' arretrati dovuti għall-perjodu 2012-2015 (li allura ma' jkoprix il-perjodu kollu li matulu r-rikorrenti kien impjegat tal-intimat) konsistenti f'kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali u addizzjonali u li kellhom jitħallsu f'żewġ pagamenti sal-wieħed u għoxrin ta' Aptil tas-sena elfejn u għoxrin (21.04.2020).[25] Dan il-ftehim la ġie kkonfermat bil-ġurament u lanqas ġie kkonfermat mill-Kummissarju kjamat in

[21] Seduta 28 ta' Ottubru 2019
[22] Fol. 44, Dokument AB 1 ppreżentat mix-xhud Antoine Borg fis-seduta tal-28 ta' Ottubru 2019
[23] Fol 88
[24] Fol 89-93
[25] Fol 31

kawża. Lanqas tressqu xi provi, sia mill-intimat u sia mill-Kummissarju kjamat in kawża, dwar jekk l-ammonti maqbula effettivament tħallsux jew le.

22. B'mod kruċjali, t-taxxa u l-bolla li kellha titħallas skond kif kalkolata mix-xhud Antoine Borg ma' ġietx kontradetta la mill-intimat u lanqas mill-Kummissarju kjamat in kawża kif lanqas ma' ġiet kontradetta l-ammont li r-rikorrent jgħid li pperċepixxa mir-rikorrent matul is-snin li għamel impjegat miegħu.

**Kunsiderazzjonijiet**

23. Minn dan kollu l-Qorti tislet is-segwenti konklużjonijiet:

1. Tul l-impjieg tiegħu r-rikorrent kien jitħallas paga netta ta' €232.93 fil-ġimgħa ossia <u>€ 12,112.36 fis-sena</u>.

2. Għas-snin 2009-2010 l-intimat naqas milli jinforma lill-Kummissarju kjamat in kawża bl-impjieg tar-rikorrent. Skond ir-rikorrent u x-xhud Antoine Borg, fis-sena 2009 il-paga gross kienet ta' € 14,450 li minnha tnaqqas l-ammont ta' €892.50 bħala taxxa u € 1,445 bħala bolla. L-istess seħħ fis-sena 2010. L-ebda wieħed minn dawn l-ammonti ma ġew rimessi/tħallsu lill-Kummissarju kjamat in kawża.

3. Għas-sena 2011 l-intimat iddikjara illi l-paga gross kienet dik ta' € 8,491 u li għalhekk ma' kellhiex tinqata taxxa fuq id-dħul. Iddikjara ukoll illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali dovuti mill-intimat <u>**f'isem ir-rikorrent**</u> kienu jammontaw għal € 798.20. Skond ir-rikorrent u x-xhud Antoine Borg, l-paga gross kienet dik ta' € 14,450 u l-intimat naqqas minn dak l-ammont it-taxxa fl-ammont ta' € 892.50 u l-bolla fl-ammont ta' € 1,445. L-ebda wieħed minn dawn l-ammonti ma ġew rimessi/tħallsu lill-Kummissarju kjamat in kawża.

4. Għas-sena 2012 l-intimat iddikjara illi l-paga gross kienet dik ta' € 8,734 u li għalhekk ma' kellhiex tinqata taxxa fuq id-dħul. Iddikjara ukoll illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali dovuti mill-intimat <u>**f'isem ir-rikorrent**</u> kienu jammontaw għal € 822.12. Skond ir-rikorrent u x-xhud Antoine Borg, l-paga gross kienet dik ta' € 14,760 u l-intimat naqqas minn dak l-ammont it-taxxa fl-ammont ta' € 939 u l-bolla fl-ammont ta' € 1,476. L-ebda wieħed minn dawn l-ammonti ma ġew rimessi/tħallsu lill-Kummissarju kjamat in kawża.

5. Għas-sena 2013 l-intimat iddikjara illi l-paga gross kienet dik ta' € 8,988 u li għalhekk ma' kellhiex tinqata taxxa fuq id-dħul. Iddikjara ukoll illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali dovuti mill-intimat **<u>f'isem ir-rikorrent</u>** kienu jammontaw għal € 847.60. Skond ir-rikorrent u x-xhud Antoine Borg, l-paga gross kienet dik ta' € 14,450 u l-intimat naqqas minn dak l-ammont it-taxxa fl-ammont ta' € 892.50 u l-bolla fl-ammont ta' € 1,445. L-ebda wieħed minn dawn l-ammonti ma ġew rimessi/tħallsu lill-Kummissarju kjamat in kawża.

6. Għas-sena 2014 l-intimat iddikjara illi l-paga gross kienet dik ta' € 9,197 u li għalhekk ma' kellhiex tinqata taxxa fuq id-dħul. Iddikjara ukoll illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali dovuti mill-intimat **<u>f'isem ir-rikorrent</u>** kienu jammontaw għal € 868.40. Skond ir-rikorrent u x-xhud Antoine Borg, l-paga gross kienet dik ta' € 14,450 u l-intimat naqqas minn dak l-ammont it-taxxa fl-ammont ta' € 892.50 u l-bolla fl-ammont ta' € 1,445. L-ebda wieħed minn dawn l-ammonti ma ġew rimessi/tħallsu lill-Kummissarju kjamat in kawża.

7. Għall-ewwel erbat ijiem tas-sena 2015 (l-aħħar erbat ijiem tal-impieg tar-rikorrent mal-intimat) l-intimat iddikjara illi ħallsu l-paga gross ta' € 156.30 u li ma' kellhiex tinqata taxxa fuq id-dħul. Iddikjara ukoll illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali dovuti mill-intimat **<u>f'isem ir-rikorrent</u>** kienu jammontaw għal €9.57. Ir-rikorrent ma' ressaq l-ebda xhieda fir-rigward tal-paga li tħallas u l-bolla/ taxxa li tnaqqset jew kella titnaqqas. Ġie ppruvat pero illi l-Kummissarju ma' rċieva l-ebda ħlasijiet ta' bolla.

24. Il-Qorti tqis illi skond il-liġi l-arretrati dovuti mill-intimat "*lill- awtoritajiet fiskali kompetenti"* huma dovuti <u>biss</u> lill-Kummissarju tat-Taxxi (inkluż il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, bis-saħħa tad-definizzjoni ta' "Direttur" taħt il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta) u kien għalhekk li l-Qorti ordnat li dan tal-aħħar għandu jissejjaħ fil-kawża.

25. Madanakollu, anke wara li ġie kkjamat in kawża, il-Kummissarju ma' ressaq l-ebda prova jekk dawn l-ammonti ta' taxxa u bolla (flimkien ma' taxxa u bolla addizzjonali) li jidhru li huma dovuti mill-intimat lill-Kummissarju kjamat in kawża kienux inklużi jew le fl-allegat ftehim li ntlaħaq bejn il-Kummissarju u l-intimat fis-7 ta' Frar 2019. Il-Qorti tħoss illi fil-mankanza ta' din il-prova hija ma' tistax tillikwida l-ammont

dovut mill-intimat lill-Kummissarju u għalhekk din ser tkun kwistjoni bejn il-Kummissarju kjamat in kawża u l-intimat li għandha tiġi riżolta bejniethom.

26. Li tista' tagħmel u sejra tagħmel il-Qorti huwa illi tissalvagwardja d-drittijiet tar-rikorrent billi tordna li għall-fini tar-Regoli tal-FSS u tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali jsiru d-dikjarazzjonijiet appożiti skond il-liġi għas-snin 2009 u 2010 (li kellhom isiru u ma' sarux) u jiġu aġġustati d-dikjarazzjonijiet magħmula għas-snin 2011-2014 u dan preċiżament skond kif jidher fid-dokument ippreżentat mix-xhud l-*accountant* **<u>Antoine Borg</u>** a fol 44. Sta għall-Kummissarju biex imbagħad jekk iħoss il-ħtieġa jipproċedi sabiex eventwalment jiġbor l-ammonti li jidhirlu li huma dovuti lilu. Għalkemm dan ir-rimedju ma' ġiex mitlub mir-rikorrent il-Qorti tara illi dan huwa jedd illi tista' tiddeċiedi fuqu ai termini tal-Art. 213 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża kif ġej:**

1. **tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-intimat żamm l-ammonti li kellhom jiġu rimessi u mħallsin minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi f'isem u għar-rikorrent bħala taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali, u dan mingħajr ġustifikazzjoni;**

2. **tilqa' t-tieni talba fis-sens illi tiddikjara li l-ammont totali li l-intimat kellu jħallas skond il-liġi lill-Kummissarju tat-Taxxi f'isem u għar-rikorrent bħala taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurta soċjali kien dak ta' €14,102.50;**

3. **tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u raba talbiet għar-raġunijiet fuq imsemmija;**

4. **tordna lill-intimat sabiex għall-finijiet tar-Regoli tal-FSS u tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali jagħmel mal-Kummissarju kjamat in kawża d-dikjarazzjonijiet appożiti skond il-liġi għas-snin 2009 u 2010 (li kellhom isiru u ma' sarux) u jaġġusta d-dikjarazzjonijiet magħmula għas-snin 2011-2014 sabiex jirriflettu b'mod preċiż il-figuri indikati fid-dokument ippreżentat mix-xhud l-accountant Antoine Borg a fol 44 li għandhom jittieħdu bħala korretti u finali mill-Kummissarju kjamat in kawża.**

**L-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju numru 249/2017 u dawk in konnessjoni mal-kjamat in kawża, ikunu a kariku tal-intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur